# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-6 t'Ottubru, 2016

Appell Nru: 209/2013

**Il-Pulizja**

**(Spettur Ann-Marie Micallef)**

**Vs**

**Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 528174M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-31 ta' Jannar, 2011, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs), fi Triq ix-Xatt, Sliema:

1. B'qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra ssewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanza msemmija aktar qabel, ghamel denunzja lill-Pulizija Ezekuttiva ta' reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu nbdew proceduri kriminali sabiex tizgura li dak ir-reat kien sar;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' PS1300 J.Fenech, PC1394 G. Bajada, u lil PC336 F. Imbroll;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS1300 J. Fenech u lil PC1394 G. Bajada;

Akkuzat ukoll talli nhar il-31 ta' Jannar, 2011, ghall-habta ta' nofs inhar neqsin ghaxra, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema;

5. Bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna u cioe' lil PS1300 J. Fenech u lil PC1394 G. Bajada, akkuza lil dawn il-persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dawk il-persuni huma innocenti;

6. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel denunzja lill-Pulizija Ezekuttiva ta' reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar.

Il-Qorti, kienet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' April, 2014, li biha waqt li ma sabitx

lill-imputat hati tat-tieni u tas-sitt imputazzjoni u lliberatu minnhom, sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra w kkundannatu ghal terminu ta' disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta' tmintax (18) –il xahar fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2013, li bih talab lil din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu lliberatu mit-tieni u mis-sitt imputazzjoni u tirrevoka s-sejbien ta' htija taht il-kumplament tal-imputazzjonijiet u tilliberah minnhom u minn kull htija skond il-ligi u fil-kaz li tikkonferma l-htija tal-esponenti taht imputazzjonijiet kollha jew uhud minnhom, li tvarja l-piena nflitta ghal-piena ohra anqas skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensur tal-appellant u tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-atti processwali jemergi illi fil-31 ta' Jannar 2011 ghall-habta tas-2.30 am kienet inharqet vettura fi Triq ix-Xatt, tas-Sliema li kienet tappartjeni lill-appellant. Ftit qabel, certu Alberto Petraglia, li kien qed jistenna lill-haddiehor gewwa l-vettura tieghu pparkjata vicin, ra persuna hierga mill-vettura in kwistjoni bi flixkun f'idejh, qasam it-triq, ghadda minn hdejn mara li dak il-hin kienet qed

tippassigga u telaq jigri. Appena l-Pulizija stabbiliet fuq min kienet registrata l-vettura, igifieri l-appellant, allura l-imputat, accediet fl-indirizz tieghu izda ma wiegeb hadd. Irrizulta illi huwa kien qed joqghod fir-residenza ta' missieru kantuniera boghod minn fejn il-vettura instabet mahruqa. Id-deskrizzjoni tal-persuna kif moghtija minn Petraglia kienet taqbel ma' dik tal-appellant li kien liebes l-istess hwejjeg. Mistoqsi jekk kellux suspett f'xi hadd wiegeb li setghet kienet il-mara tieghu li riedet tivvendika ruhha minnu kawza ta' proceduri ta' separazzjoni mqanqla. L-appellant mehud fuq il-post, biex jgharaf il-vettura tieghu, Petraglia kkonferma li dak kien l-istess persuna li ra hiereg mill-vettura bil-flixkun f'idejh. Mehud l-ghassa, fuq il-persuna tieghu instabet il-polza ta' assikurazjoni mxarrba b'accellerant u ghalhekk il-Pulizija ikkonkludiet illi kien hu responsabbli ghal hruq ta' dik il-vettura u ghalhekk ghaddiet ghall-arrest tieghu u sussegwenti procediment kriminali li waslu ghas-sentenza mertu ta' dan l-appell;

2. Ezaminati l-atti processwali jemergi illi l-ewwel Qorti gharblet bir-reqqa kollha l-provi migjuba kontra l-appellant qabel ma waslet ghad-decizjoni taghha. Minkejja dan, huwa l-kompitu ta' din il-Qorti issa li taghmel dak l-ezami approfondit sabiex tara jekk dik il-Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. U dan in linea mal-principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li mghandhiex tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tkun tal-fehma illi dik l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

3. L-ewwel aggravju tal-appellant hu li s-sentenza appellata mhux wahda "safe and satisfactory li tisthoqqilha konferma minn din l-Onorabbli Qorti u dan minhabba l-fatt li l-apprezzament tal-provi ma sehhx, fl-umli fehemha tal-esponenti, skond il-ligi". Dan l-ewwel aggravju hu subdiviz f'diversi f'sub titoli u ghalhekk dawn ser ikunu konsiderati *seriatim*;

4. L-ilment generali tal-appellant, izda, jibqa' li s-sentenza tal-ewwel Qorti mhix wahda "safe and satisfactory" minhabba li l-apprezzament tal-fatti ma sarx skond il-ligi. Dan jimmerita kunsiderazzjoni dwar x'jista' jammonta ghal-"unsafe and unsatiscatory" f'sentenza ta' Qorti u dwar dan tajjeb li jkun ribadit l-insenjament ta' spiss citat mill-Qrati taghna provenjenti mill-Blackstone's Criminal Practice 2001. F'para D 22.15 pagna 1622 insibu is-segwenti bran ferm relevanti ghall-ilment odjern. "The case of Cooper [1961[ 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a "lurking doubt" as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lotd Widgery said (at p.271 C-G): "[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognize the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court shoud not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case. / However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is

a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it";

5. Isegwi ghalhekk ezami tal-fatti mill-ottika ta' dan l-insenjament bl-ewwel aggravju trattandosi dwar il-polza tal-assikurazzjoni li "l-ewwel Qorti utilizzatu bhala mezz sabiex il-kredibilita' tal-esponenti u x-xhud tieghu in difesa jkunu meqjusa mhux kredibbli". L-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti ma gharfitx taghmel distinzzjoni bejn polza tal-assikurazzjoni li tkopri biss lill-terzi persuni u dik li tkopri lill-terzi persuni u lill-assikurat kontra hruq u serq, igifieri il-polza *Third Party* u dik *Third Party Fire and Theft.* L-argument tal-appellant hu li ma kellu ebda raguni jaghti n-nar lill-vettura tieghu stess meta ma kienx ser jithallas taghha mill-assikurazzjoni stante li ma kienx assikurat ghal dik l-eventwalita'. Tant hu hekk illi l-prosekuzzjoni ma resqitx lill-appellant biex iwiegeb dwar frodi fil-konfront tal-assikurazzjoni tieghu. Tajjeb li jkun hawn spjegat illi l-appellant kien xehed illi hu kien ghadu kemm jixtri vettura gdida u li dik in kwistjoni kien bieghha bi tpartit in parti mal-vettura l-gdida u li d-*dealer* kellu jghaddi biex jirmonkaha;

6. Ezaminata s-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni in rigward tal-polza: *Illi dwar l-assikurazzjoni tal-vettura mahruqa jinghad li kemm l-imputat kif ukoll missieru jallegaw li din kienet assikurata third party biss; pero meta gie jixhed rapprezentant ta' l-insurance u anke prezenta c-certifikat tal-polza relattiva hu qal li l-vettura kienet inxurjata third party fire and theft.* L-ewwel Qorti kienet korretta fl-osservazzjoni taghha. Rapprezentant tal-assikurazzjoni xehed illi l-ahhar li l-vettura kienet assikurata maghhom kienet fuq bazi *third party full fire and theft* sal-31 ta' Jannar 2011. L-appellant u missieru xehedu illi l-kopertura kienet dik tat-triq, li l-Qorti allura tifhem li hi dik minimament rikjest mill-ligi igifieri Third Party. Issa, l-appellant jghid li l-polza "tat-triq" li bl-ingliz tissejjah *third party insurance*, sabiex wiehed ikun aktar preciz b'mod tekniku, tali polza hija msejha Thrid Party Fire and Theft u li din il-polza ma tkoprix lis-sid ghal danni kkawzati minn hruq u/jew

malicious damage. L-appellant m'ghandux ragun in rigward ghaliex il-polza Third Party Insurance hija wahda distinta minn dik Third Party Fire and Theft u dwar dan mhix ser tenoltra aktar. Dak li hu importanti hu li l-ewwel Qorti ghamlet biss osservazzjoni dwar id-diskrepanza in rigward u mkien ma waslet ghal konkluzzjoni illi tali disprekanza kienet qed titfa' xi ombra fuq l-appellant. L-ewwel Qorti fliet l-atti processwali b'mod metikoluz u deherilha li kellha takkludi dan il-fatt fl-esposizzjoni tal-provi akkolti fil-fazi kompilatorja. Il-prosekuzzjoni kienet konvinta illi l-appellant haraq il-vettura tieghu sabiex tiehu l-kolpa l-mara tieghu li maghha kellu tilwima ghal-hafna snin. L-fatt li ma kien ser jarreka ebda beneficcju jew kumpens minghand l-assikurazzjoni tieghu ma kien ta' ebda konvinciment la ghall-prosekuzzjoni u anqas ghall-ewwel Qorti;

7. L-appellant jargumenta ukoll illi l-ewwel Qorti skartat il-verzjoni moghtija mill-appellant li huwa gabar dak id-dokument tal-assikurazzjoni meta mar jimla l-lighter tieghu. Hawnhekk l-appellant qed jirreferi ghad-dokument tal-assikurazzjoni misjub mxarrab b'accellerant fil-but tal-qalziet tieghu. Il-provi in rigward juru illi meta kienet qed issir tfittxija fuq il-persuna tieghu bhala procedura tal-arrest, fil-but tal-qalziet tieghu instabet il-polza tal-assikurazzjoni b'riha qawwija ta' sustanza suspettata pitrolju. L-appellant kien spjega illi dik kien gabarha mir-residenza tieghu dak il-lejl stess qabel ma mar lura d-dar ta' missieru li hija kantuniera boghod minn fejn kienet ipparkjata l-vettura mahruqa. Huwa spjega ukoll illi qabel mar lura d-dar ta' missieru, kien ghadda ir-residenza tieghu li tinsab f'Depiro Street, Sliema, sabiex jimla l-lighter tieghu bil-gass. Kif kien hemm gabar il-polza li kienet tinsab taht lampa tal-pitrolju u li b'hekk kien spjegabbli r-residwu ta' pitrolju fuq il-polza. Testijiet forensici wrew li t-tixrib kien likwidu accellerant. Il-Pulizija accedew f'din ir-residenza u hemm innutaw li kien jidher li kien qed isir xi xoghol ta' rrangar u deherilha illi li kieku kienet tnehhiet karta minn fejn qal l-appellant almenu din kienet thalli tracci ovvji u tali tracci ma kienux hemm. L-ewwel Qorti ma emmnitx il-verzjoni tal-appellant mhux biss

ghaliex xejn ma kien jindika li dik il-polza kienet verament hemmhekk izda ukoll minhabba li anke f'cirkostanzi ohra minnu spjegati, l-appellant wera ruhu inaffidabbli u inveritier. Mizjud ma' dan, din il-Qorti tinnota illi l-appellant jghid illi kien biddel il-polza tal-vettura tieghu sabiex jaghmel uzu minn *non claim bonuses* akkumulati fuq din il-vettura u jitrasferihom ghal fuq il-polza tal-vettura l-gdida. Dan ma jirrizulta minn imkien. Wisq anqas tirrizulta xi prova ta' bejgh tal-vettura mahruqa. L-appellant jghid li "kien hemm karta tal-insurance li sa fejn naf jien kienet antika" u din kienet taht lampa antika li meta caqlaqha waqghet il-ftila taghha u xxarbet bil-pitrolju, tefghahha fil-but u halliha hemm. Dan ma sab ebda kredibilita' mill-ewwel Qorti u jrid jinghad ukoll lanqas minn din il-Qorti;

8. Il-konvinciment ta' din il-Qorti in rigward l-ahhar konsiderazzjoni huwa ukoll assodat mid-dettalji fid-dokumenti GS1, GS2 u GS3 esebiti mir-rapprezentant tal-kumpanija assikuratrici. Dawn huma kopja tal-polza tal-assikurazzjoni ghas-snin 2008, 2009 u 2010 bl-ahhar wahda skadenti fil-31 ta' Jannar 2011. Dawn il-poloz huma mahruga fuq Mr. Nikolai Magrin u l-indirizz tal-assikurat huwa "30 Hillside, Triq Sant Antnin, Sliema, SLM3023". L-appellant xehed li din il-karta forsi halliha hemm missieru izda imbaghad naqas milli jispjega ghaliex kellu jhalliha hemm meta hu jghix ma' missieru u l-provi juru li l-assikurazzjoni tuza l-indirizz ta' missieru fuq il-polza. Ghalkemm dan id-dettall donnu sfugga lill-ewwel Qorti, dan juri b'mod inkonfutabbli illi l-korrispondenza kollha mis-socjeta' assikuratrici ilu jirceviha ghand missieru ta' l-anqas mis-sena 2008. Minkejja dan, din il-karta kienet tinsab fuq mejda f'post prattikament inabitat, bil-pitrolju mxerred fuqha. U r-raguni ghaliex kienet fuqu hi li fis-sieghat bikrin ta' filghodu ddecieda jghaddi fir-residenza, mhux uzata, biex jimla' l-lighter bil-gass wara li kien ilu jixrob gewwa bar l-Msida minn tard filghaxija u hadha minn hemm bhala "reminder" biex ihallas l-insurance. Fl-istqarrija tieghu, izda, qal li l-insurance ihallasha missieru w inoltre quddiem il-Qorti xehed dak li xehed dwar

ic-caqlieq tal-polza li kien ghandu kemm ghamel minhabba l-vettura l-gdida.

9. Dwar dan l-aggravju, l-appellant jargumeta hekk: "Bir-rispett, dan huwa kaz klassiku fejn min jiggudika, minflok ma gharbel il-provi b'lenti imparzjali, gharbel il-provi, b'tali mod u manjiera sabiex il-membri tal-Pulizija jinghataw ragun *at all costs*, bl-intiza li ghandhom jkollhom kull protezzjoni matul xogholhom". Din hi asserzjoni fierha u irresponsabbli u tisthoqq biss li tkun kkundannata minn din il-Qorti. L-atti processwali kienu ezaminati minuzjozament minn din il-Qorti u dak li jemergi hu biss ezami metikoluz, rendikont fidil u decizzjoni skond il-ligi fir-rigward.

10. Fit-tielet parti tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti ma zammitx access fil-lok sabiex taccerta ruhha li x-xhud Petraglia verament seta' jara dak kollu li ddeskriva mill-posizzjoni li kien fil-vettura tieghu ghaliex id-difiza kienet tal-fehma li dan ma kienx possibbli. Ezaminati l-atti, ma jirrizultax li l-appellant qatt ghamel talba ghal-tali access. Huwa ressaq din it-talba quddiem din it-tieni istanza izda din kienet michuda;

11. L-aggravju in dizamina huwa maggorment dirett lejn il-verzjoni tal-fatti kif sommati mix-xhud Petraglia. Mill-ezami tal-atti jemergi illi Petraglia ra b'ghajnejh stess lil persuna li "dan kellu xagharu twila toppu, kien liebes jeans u gakketta u kien bin-nuccali" (deposizzjoni fol 19). Meta l-Pulizija nizzlu lill-appellant hdejn il-vettura mahruqa, Petraglia gharfu minnufih u ma kellux dubju li kien l-istess persuna li ra hierga bil-flixkun f'idejh mill-vettura. Fl-ahhar parti ta' dan l-aggravju, l-appellant jghid li Petraglia qatt ma gharaf lill-appellant *in open court*. L-appellant huwa zbaljat in rigward. Meta xehed Alberto Petraglia fid-9 ta' Mejju 2011 l-appellant, allura imputat ma kienx prezenti fl-Awla. Ezami tal-verbal ta' dik is-seduta juri illi l-appellant ma kienx deher ghal dik is-seduta minhabba li ried jakkumpanja lill-

ommu l-isptar. Id-difensur tieghu, izda awtorizza l-prosegwiment tal-kawza fl-assenza tal-appellant u tajjeb jew hazin il-Qorti prosegwiet b'dan il-mod meta allura xehed is-Sur Petraglia. Gara izda li x-xhud ikkonferma li l-persuna li ra f'dak il-lejl kienet l-istess persuna imputata, "Dak li kien l-ahhar li gejna l-Awla u ma saritx". (deposizzjoni fol 20) Ix-xhud kien qed jirreferi ghas-seduta tas-16 ta' Marzu 2011 meta kien deher l-appellant mhux assistit u l-kawza kienet differita fuq talba tieghu. Naturalment ix-xhud kien prezenti ghal dik is-seduta u baqa' jgharaf lill-appellant. Ghalhekk f'din il-parti tal-aggravju l-appellant mghandux ragun issa jilmenta minn nuqqas ta' certezza morali dwar l-konferma tal-persuna li ghaliha kien qed jirreferi dan ix-xhud;

12. Precedentement ghal dan, l-appellant jghid illi koncess li x-xhud Alberto Petraglia kien wiehed kredibbli, jemergi mid-deposizzjoni tieghu li l-Pulizija uzaw forza fuq l-appellant meta instemgha jghid "halluni, halluni"; illi dan jikkontrarja lill-Pulizija li qalu li l-appellant irrezista l-arrest u li l-identifikazjoni tal-appellant fuq is-sit kienet vizjata stante li kienu l-Pulizija li nfurmawh li kienu arrestaw lill-persuna li ghamel u kkawza l-hruq. L-ewwel Qorti ghamlet osservazzjonijiet dettaljati dwar meta l-appellant ittiehed fejn il-vettura mahruqa. Meta kien identifikat mix-xhud Petraglia, l-Pulizija ssuspettat hazin fl-appellant u riedet tiehdu l-ghassa u ghal bidu rrifjuta jidhol fil-karozza tal-pulizija u imbuttahom. Dak li sehh wara, fl-ghassa tal-Pulizija, izda, ma kienx fil-konoxxenza tas-Sur Petraglia naturalment ghaliex ma kienx qieghed hemm u ovvjament ma xehed xejn dwaru. Il-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti in rigward, igifieri dwar it-theddid li kien ser isibhom wiehed wiehed, dwar l-allegazzjonijiet ta' vjolenza fuq il-persuna tieghu meta ma nstab xejn mit-tabib li ezaminah wara li ttiehed ghall-ezami fuq talba tieghu stess, kollha wasslu lill-ewwel Qorti ghal-konkluzzjoni ragjonevoli u legali in rigward;

13. Fil-hames parti tal-ewwel aggravju, l-appellant jargumenta illi x-xhud Ann Sorrison "tmeri lil Alberto Petraglia". Huwa itenni illi "Mhux

biss jemergi li din ix-xhud kienet l-ewwel persuna fuq il-post vicin il-vettura, u li Alberto Petraglia [ex admissis] mar fuqha huwa bhal ma xehed huwa stess, izda jemergi l-fatt li din ix-xhud kienet hemm meta n-nar kien ghadu bidu u li ma kien hemm l-ebda persuna ohra vicin il-vettura ghajr ghal din ix-xhud. Petraglia wasal fuq ix-xena tad-delitt 3 jew 4 MINUTI wara!!!!" . Fid-deposizzjoni tieghu, Petraglia jghid li wara li ra duhhan hiereg mill-karozza, "rajt mara kienet gejja b'xi kelb, kienet barranija ma kienitx Maltija. Ghidtilha tersaqx lejn il-karozza ghidtilha ghax nahseb hiereg balla duhhan qabel ma tiehu. U sa dan it-tant dan ir-ragel qasam it-triq faccata u beda jhares. Beda jittawwal 'l hawn u 'l hemm. Lili ma ranix. U qabad it-triq beda sejjer 'l hemm. Ghadda minn hdejn il-mara, ghadda minn fejn il-bus stop ghax hemmhekk fejn haraq kien hemm xi bus stop u baqa' sejjer.". Molly Anne Sorrison a fol 67 *et seq* tghid hekk: "I was out walking my dog late at night and we were walking along the water down where the ferries area not on the walk side but down below. We pumped up, we walked up the stairs and walked up to the side and I saw a car and inside the car there was smoke but nobody was around at all. I stood there and I thought maybe the smoke was going out but I wasn't sure whether to call the Fire Department or not because I thought it might stop itself out. And then I maybe waited 3 or 4 minutes just to make sure that the case wasn't going to catch on fire and I saw someone walk past the street behind the car and he came towards me and I said to him is this your car? And he said no. I said do you know whose car this is and he said no I kind of looked over at the car and I could still see smoke. And I said do you think we should call the police he said probably. And I said I don't know the number, its going to take me a while to look do you think you could call. But I took out my phone and was going through my phone and I found a number and looked up and said Oh I found it but whoever I was talking to was walking up the sidewalk and there I realised they were not going to call so I just called". Din il-Qorti ezaminat ukoll il-kontro ezami ta' din ix-xhud u mkien ma kienet mistoqsija jekk kienx

hemm xi hadd li kellimha, riferibilment ghall-Alberto Petraglia, jekk kienitx wahidha dak il-hin jew ghaliex fix-xhieda taghha tghid "they were not going to call" u min huma "they" meta fil-bidu titkellem dwar persuna wahda. Issa l-appellant irid lil din il-Qorti tikkonkludi li din ix-xhud kienet qed tikkontrarja dak li qal Petraglia izda ezaminati d-deposizzjonijiet mill-ottika ta' dak il-paniku, tal-fatt illi z-zewg xhieda huma stranjieri u ma jitkellmux b-ilsna differenti, u li essenzjalment qed jghidu l-istess haga, dan l-aggravju ma jistghax ikun akkolt. Jekk id-dettall li Petraglia qasamx it-triq u qalilha biex ma tavvicinax thalliex barra minn Sorrison u jekk dan id-dettal kellux jinduci lil Qorti biex ma temminx lill-Petraglia jirrazenta l-fierah. Huwa evidenti li t-tnejn raw l-incident fl-istess waqt izda minn angoli differenti u ma hemm xejn kontradittorju in rigward;

14. Fl-ahhar parti ta' l-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jargumenta li l-ewwel Qorti eskludiet id-difiza tal-alibi minnu mressqa. Missier l-appellant xehed illi ibnu dahal id-dar fis-saghtejn nieqes kwart ta' filghodu. L-ewwel Qorti kkonkludiet "li ra l-arlogg hazin fis-sens li dak li hu haseb li kien is-saghtejn nieqes kwart kienu fil-fatt it-tlieta nieqes kwart". Jibda biex jinghad illi l-hruq tal-vettura sehh ghal-habta tas-2.30am. L-ewwel Qorti qalet hekk fil-konsiderazzjonijiet taghha "Xehed ukoll missier l-imputat li qal li fil-lejl meta inharqet il-karozza ibnu kien barra u dahal id-dar ghal-habta tal-01.45 am u li l-pulizija gew ihabbtu ghandhom ghal-habta tat-03.45; huwa jghid li dak il-hin li gew il-pulizija ibnu kien ghadu liebes il-hwejjeg li kien hareg bihom". "Alfred Magrin qal li meta l-imputat dahal id-dar hu semghu u qam, hares lejn l-arlogg u ra li l-hin kien madwar is-saghtejn nieqes kwart" u kkonkludiet bil-mod segwenti wara li kkunsidrat diversi divergenzi fix-xhieda tal-appellant: "Illi tenut kont ta' l-assjem kollu tal-provi prodotti, inkluz il-fatt li l-imputat m'hux xhud kredibbli, hija l-fehma tal-Qorti li dawn il-provi huma sufficjenti biex jikkonvincuha li kien l-imputat li haraq il-karozza tieghu. Dwar Alfred Magrin u dak li qal, tenut kont tal-provi,

ma tistax teskludi li ra l-arlogg hazin fis-sens li dak li hu haseb kien is-saghtejn nieqes kwart kienu fil-fatt it-tlieta nieqes kwart";

15. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant fl-argument tieghu li l-ewwel Qorti skartat ix-xhieda ta' Alfred Magrin rigward il-hin li fih rrinkaza ibnu. L-ewwel Qorti hadet konjizzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni izda wara li, mill-provi mressqa kienet konvinta li kien l-appellant li haraq il-vettura tieghu, kkonkludiet li ma kienx eskluz li Alfred Magrin ha zball meta qara l-hin. Mic-cirkostanzi kollha li jiccirkondaw il-fatti ta' dan il-kaz jemergi illi Alfred Magrin iqum ta' spiss matul il-lejl minhabba l-kondizzjoni li tbati minnha martu u li "Dak il-lejl Nicholai dahal xi s-saghtejn nieqes kwart ta' filghodu, saghtejn, siegha nieqes kwart il-kwart il-ghaliex meta dahal hemmhekk hassejtu. U jien qomt naghmel il-bzonnijiet tieghi u ovvjament dak il-hin thares u tara x'hin ikun" (fol 161). L-Ewwel Qorti kellha ragun ghaliex tikkonsidra li mhux eskluz li Alfred Magrin ha zball meta qara l-arlogg ghaliex fl-ewwel lok lanqas biss kien daqshekk kategoriku li ibnu dahal id-dar f'hin partikolari u fit-tieni lok jghid li seta kien is-saghtejn nieqes kwart, is-saghtejn u s-siegha nieqes kwart. In kontro ezami, Alfred Magrin xehed li ghad li hu jkun il-hin kollu d-dar ma jafx x'hin hareg ibnu dak il-lejl. Jidher li l-ewwel Qorti kienet konvinta mill-fatturi kollha li jiccirkondaw dan il-kaz illi Alfred Magrin kien zbaljat fil-kalkolu tal-hin meta ibnu rritorna d-dar. L-ewwel Qorti kienet libera li taghmel hekk basta li jkun hemm ragunijiet sufficjenti ghar-raggungiment ta' dik id-decizzjoni. L-fatt illi missier l-appellant xehed kif xehed dwar il-hin ta' rinkazar ta' ibnu ma jfissirx b'daqshekk li dik ix-xhieda hija wahda assoluta la darba l-fatti juru mod iehor. L-ewwel Qorti waslet ghal-konkluzzjoni li kien zbaljat wara li b'reqqa kkonkludiet li dak li haraq il-vettura ma seta' kien hadd hlief l-appellant u ghalhekk ma seta qatt kien id-dar fis-saghtejn nieqes kwart ta' filghodu u li kien aktar mis-sewwa li kienu it-tlieta nieqes kwart u naturalment meta wiehed iqum diversi drabi matul il-lejl huwa facli li jahseb li jkun hin u mhux iehor li f'dan il-kaz kienet diskrepanza ezatta ta' siegha.

Fit-tieni aggravju tieghu, ukoll maqsum f'diversi aggravji ohra, l-appellant iressaq diversi argumenti ta' dritt kif ukoll ta' fatti. Fl-aggravju enumerat b.1, l-appellant jghid illi sabiex ikun hemm sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-qorti trid tkun necessarjament konvinta sal grad ta' certezza morali li l-persuna li haraq il-vettura in kwistjoni hija l-esponenti [appellant]. L-argument tieghu qed ikun hawn riprodott: "Molly Ann Sorrison, li allura tkellmet mal-persuna li skond hi qabbad il-vettura, ma huwiex l-esponenti [appellant]!. Molly Ann Sorrison, kienet qeghda f'pozizzjoni ferm ahjar minn Petralgia, tkellmet mal-persuna li rat (u allura gew wicc imb'wicc) u xorta ma tghidx li l-esponenti [appellant] huwa l-persuna li haraq il-vettura. A bazi ta' din it-testimonjanza l-esponenti qatt ma seta` kien huwa li haraq il-vettura. Galadarba huwa stabbilit li l-esponenti ma kienx huwa li haraq il-vettura, dak kollu li l-esponenti qal in konnessjoni mal-mara tieghu, ma jammontax ghal holqien qarrieq ta' provi foloz, izda biss dikjarazzjoni tieghu dwar f'min ghandu suspett u xejn aktar. Ghaldaqstant l-esponenti qatt ma seta` jinstab hati ta' din l-ewwel imputazzjoni". Bid-dovut rigward, u jekk din il-Qorti fehemet sew l-argument tal-appellant, Molly Ann Sorrison, qatt ma ddikjarat illi l-appellant ma kienx il-persuna li ghaddiet minn magenbha u li kellmet fil-hin meta rat id-duhhan hiereg mill-vettura;

16. L-appellant qieghed jistrieh fuq il-konvinciment li ma jirrizultax pruvat li kien hu li haraq il-vettura bil-konsegwenza li ma jistghax issa jinstab hati ta' holqien ta' tracci li jistghu jiswew bhala prova kontra persuni ohra. Kif gia konsiderat *supra*, izda, din il-Qorti ma rat xejn sindakabbli fir-ragunament tal-ewwel Qorti li kkonkludiet illi kien l-appellant li haraq il-vettura;

17. L-artikolu 110(1) tal-Kap 9 li l-appellant instab hati tieghu jipprovdi hekk: "**Kull min bil-qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi**

**kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, jehel, meta jinsab hati, bhala xhud falz, bil-mod kif jinghad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu"**. Naturalment sabiex tinsab htija jehtieg li jkun hemm il-prova tal-aspett formali kif ukoll dak materjali tar-reat. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-elementi tar-reat kif ravvizat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna meta ccitat il-kawzi Il-Pulizija vs David Mizzi (App Krim 16.02.1998), Il-Pulizija vs Doreen Zammit (App Krim 15.06.2001) u Il-Pulizija vs Anthony Farrugia (App Krim 02.04.2003) minn fejn jemergi insenjament dwar id-differenza fl-elementi formali u materjali bejn il-kalunja reali jew indiretta kontemplata fl-artikolu 110(1) u l-kalunja verbali jew diretta kontemplata fl-artikolu 101 tal-Kap 9. Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra (App Krim 22.9.10) li ukoll ccitat b'approvazzjoni is-sentenzi kontra David Mizzi u Anthony Farrugia. Fil-konsiderazzjoniijiet taghha, il-Qorti tal-Appell Kriminali ccitat ukoll lil-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law, Vol II, p. 58) meta jiccita lill-Maino li itenni jghid: "La calunnia reale consiste nel simulare a carico di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materiali di un reato. Tale sarebbe il porre sul luogo del reato un oggetto simili a quello portata dalla persona che si vuole colpire, ovvero il-porre sulla persona o nell'abitazione altrui un pugnale insanguinato, oppure una cosa furtiva". Issegwi din is-sentenza billi ticcita lill-Professur Mamo li jispjega : "**The constituent elements of this crime emerge clearly from its definition. The material element consists in fabricating, that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that that person be unjustly convicted of or charged with the offence. If these two elements concur, the crime subsists, even though the person against whom the evidence was fabricated may not have been, in point of fact, convicted or even charged. In the case of this form**

**of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid becomes known to the competent authority"**. Kif gia ritenut l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni li kien l-appellant li haraq il-vettura. Issa kif tajjeb osservat ukoll l-ewwel Qorti, kien l-istess appellant li mplika lil martu f'dan il-hruq u dan minghajr ma staqsewh jekk kellux suspett f'xi hadd. PS 1300 xehed illi "Jien x'hin infurmajtu jekk kellux il-karozza AAM 987 u ghidtlu li kienet hadet in-nar qalli dik zgur harqithieli l-mara tieghi qalli ghax filghodu kienet ghamlitli xi rapport biex tpattihieli" (fol 46). L-ewwel Qorti kienet konvinta li l-appellant haraq din il-vettura biex jaghmel hsara lil-martu li mieghu kellu kwistjonijiet ta' separazzjoni;

18. It-tieni parti tat-tieni aggravju jirrigwarda r-raba' imputazzjoni igifieri li naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija. Huwa jorbot dan l-aggravju mal-aspettativa li ma kienx hu li haraq il-vettura u li huwa mistenni minn persuna f'dawk ic-cirkostanzi li jagixxi b'dak il-mod meta rinfaccjat b'sitwazzjoni ta' arrest. Jargumenta ukoll illi ix-xhud Petraglia ddikjara li l-appellant qatt ma rrezista l-arrest u li l-uniku ordni li inghatatlu kienet li jidhol fil-vettura u fil-fatt hekk ghamel. L-ewwel Qorti kkunsidrat illi l-Pulizija kienu gustifikati fl-arrest tal-appellant u li meta ordnawlu li jmur maghhom l-ghassa huwa rrifjuta u imbotta lill PC1394 biex ikun jista' jahrab minn fuq il-post u rrifjuta ukoll li jidhol fil-vettura tal-pulizija. Ezaminata d-deposizzjoni ta' Alberto Petraglia, jirrizulta, kif jghid l-appellant, "li jishaq li fl-ebda hin l-esponent ma rrezista l-arrest [u li] l-uniku ordnijiet li inghatawlu kienu proprju sabiex jidhol fil-vettura u dahal". Dak li jghid Petraglia hu li kien id-dlam u li meta l-Pulizija riedu jdahhlu lill-appellant fil-karozza, ghall-ewwel beda jghidilhom "halluni, halluni, jien m'ghandiex x'naqsam";

19. It-tielet parti tat-tieni aggravju tal-appellant tirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar it-tielet imputazzjoni, igifieri li ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1300, PC 1394 u PC 336. A fol

47, PC 1300 xehed illi meta informa lill-appellant li kellu jiehdu l-ghassa, wiegbu li ma kellux ghalfejn u mar biex jitlaq minn fuq il-post u mbutta lill-PC 1314. Meta waslu l-ghassa, l-appellant beda jheddidhom li kien ser inezzalhom l-uniformi, isibhom wiehed wiehed ghaliex kien black belt u jtihom xebgha apparti li offendihom. PC 336 zied jghid li l-appellant rrifjuta li jmur mal-Pulizija ghaliex dak ma kienx hin li jarrestaw in-nies. Issa l-aggravju tal-appellant in rigward ta' din it-tielet imputazzjoni hi li l-Pulizija kienu emmnuti ghal fatt li huma Pulizija minkejja li terz pajzan li kien qieghed jghin lill-istess pulizija, jmeri lill-istess Pulizija? Dan l-argument ma jsib ebda sostenn minn din il-Qorti wara li ezaminat l-atti kollha. Petraglia ma jmerix lill-Pulizija. Din hija biss konkluzzjoni tal-appellant u ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex l-ewwel Qorti tiddubita mill-verzjoni tal-Pulizija;

20. Ir-raba' parti tat-tieni aggravju tal-appellant jitratta dwar is-sejbien ta' htija fil-konfront tal-hames imputazzjoni, igifieri li bil-hsieb li jaghmel hsara lil PS 1300 u PC1394 akkuzahom b'reat filwaqt li kien jaf li kienu innocenti. Dan huwa r-reat ravvizat fl-artikolu 101 (1) tal-Kodici Kriminali, u opportunement qed tkun riproddotta dik il-parti tas-sentenza appellata li titratta dwar din l-imputazzjoni:

> "Illi l-hames imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar kalunja verbali jew diretta kontemplata fl-artikolu 101(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u tirreferi ghall-allegazzjoni li ghamel l-imputat fil-konfront ta'PS 1300 Julian Fenech u PC 1394 Gilbert Bugeja u cioe li huma kienu vjolenti mieghu u li kkawzawlu griehi.
>
> "Illi kif diga ntqal aktar 'l fuq fl-esposizzjoni tal-fatti u l-provi prodotti, ghalkemm l-imputat jghid li huwa gie aggredit billi l-pulizija qabduh, imbottawh, habtuh mal-karozza u weggawlu saqajh, ic-certifikati medici ma kkoroborawhx f'din il-verzjoni. Aktar minn hekk lanqas ix-xhud, Alberto Petraglia, li fil-presenza

tieghu sar l-arrest, ma qal li ntuzat xi vjolenza fil-konfront tal-imputat.

"Illi ghalhekk huwa car li meta ghamel dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-pulizija koncernati l-imputat kien qed jiddenunzja reat li kien jaf li ma sarx. Din id-denunzja saret b'mod spontanju u volontarju sia meta kien ghadu kif ittiehed l-ghassa ta' Sliema u sia meta kien qed jirrilaxxja l-istqarrija. Fl-ewwel istanza ghaliex kien l-imputat li minn jeddu beda jghid li kien migugh minhabba daqqiet li kienu tawh l-istess pulizija. Waqt li kien qed jirrilaxxja l-ewwel stqarrija tieghu l-ufficcjal prosekutur staqsiet lill-imputat jistax jghidilha fejn kien fit-30 ta' Jannar 2010 fil-ghaxija u ghal dik il-mistoqisja minflok qallha fejn kien u minghajr ma stenna mistoqsijiet ohra da parti taghha beda jirrakkontalha l-avvenimenti kollha ta'l-ahhar sieghat u f'dan ir-rakkont hu, minn jeddu ghamel dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront ta' PS 1300 u PC 336. Ghandu jigi rilevat li f'dik l-ewwel stqarrija l-Ispettur Micallef ma saqsietu xejn lill-imputat dwar l-allegazzjonijiet ta' vjolenza li kien ghamel meta ittiehed l-ghassa ta' Sliema ftit wara li gie arrestat. Illi tenut kont ta' dan, il-Qorti hija sodisfatta li din il-hames imputazzjoni giet pruvata wkoll".

21. L-appellant jargumenta illi "Il-Qorti hasset, u dana minghajr raguni valida fil-forensica medico-legali, li c-certifikat mediku esebit mill-esponenti ma huwiex prova valida in sostenn ta' dak li huwa sostna". Skond ix-xhieda tal-Ispettur Anne Marie Micallef jemergi illi meta l-appellant ttiehed l-ghassa tal-pulizija tas-Sliema beda jilmenta li kienet intuzat vjolenza fuqu u ghalhekk ordnat li jittiehed il-clinic tal-Furjana sabiex ikun ezaminat medikament. Dr. Paul Mangion iccertifika li ma kien hemm ebda sinjal ta' vjolenza fuq il-persuna tal-appellant. Ic-certifikat mediku Dok AM1 a fol 38 mahrug taht il-firma ta' Dr. Mangion juri illi kien ezamina lill-appellant fl-4.15 am u ma sablu ebda sinjal fiziku ta' vjolenza fuqu. L-Ispettur Micallef kompliet tixhed illi fis-7.30 am kienet infurmata li l-appellant ried jittiehed id-

Detox ghall-Methadone. L-ghada li ttiehdet l-ewwel stqarrija tieghu, l-appellant rega kien suggett ghall-interrogazzjoni u beda jilmenta minn ugiegh u minn marki tal-aggressjoni li kienet saret fuqu u li dawn kienu fuq sidru. Mitlub juri l-istess wiegeb li ma kienx prudenti li jaghmel hekk izda meta accetta ma deheret ebda marka vizzibbli skond l-istess Spettur. Huwa accetta l-offerta tal-ufficcjal investigattiv li jittiehed il-klinika tal-Gzira fejn kien ezaminat minn Dr. S Camilleri. Id-Dok AM3 esebit a fol 42 juri li l-appellant kien qed jilmenta minn ugiegh fuq ix-xellug ta' ghonqu, fuq ix-xellug ta'sidru u fl-ghaksa tal-lemin. Wara ezami mit-tabib kien certifikat is-segwenti: i) pain when turning head to the left; ii) [kelma ma tingharafx] tenderness part of lower chest u iii) no swelling of ankle. It-tabib innota "no external signs of injury" u ccertifika n-natura taghhom bhala "slight". L-Ispettur kkonkludiet id-deposizzjoni taghha billi ddikjarat illi fil-presenza tal-ufficjali taghha l-appellant kien jimxi izappap u malli johorgu jimxi normali u dan setghet tikkonstatah minhabba t-tip ta' hgieg fl-ufficcju taghha. Malli tressaq il-Qorti dahal izappap izda kif hareg tant ghaggel li lahaq mexa bicca sew quddiemha. Meta l-appellant xehed fuq dan l-episodju qal illi meta ttiehed lejn il-vettura li kienet qed taqbad, jassumi li kien is-Surgent li bi hruxija ssuggerielu li kien ikun ahjar li jaqtawha u jghidlu kollox u meta wiegeb li ma kellu xejn xi jghidlu "bdew jghajtu mieghu u hekk u anke refghu idejhom fuqu sewwa. Tliet pulizija. Regghu [recte: refghu] idejhom fuqi, litteralment tefghu idejhom fuqi. U jien litteralment kelli nibbenkja mal-dak taghhom. Kont weggajt niftakar hawn taht ghax biex ghamilt xi pass. ...... (il-Qorti innutat li ix-xhud qed jindika l-gharqub ta' saqajh) ....U imbaghad laqatni wiehed mill-qosra, mill-Pulizija daqsxejn qasir hawnhekk". Ilmenta ukoll mill-fatt illi malli arrestawh infurma lill-Pulizija illi kien fi htiega li jiehu l-Valium ghax kien ilu ghomru fuqhom izda hallewh jitrieghed sal-ghada filghodu minkejja li missieru kien qed jistenna barra bil-pilloli. Din il-Qorti tinnota li l-kwistjoni tal-Valium qamet wara li l-appellant ttiehed il-klinika tal-Furjana u ma semma xejn lit-tabib li invistah. Huwa spjega

ukoll illi wara li tressaq il-Qorti u nghata l-helsien mill-arrest fl-1 ta' Frar 2011 acceda is-Saint James Hospital fejn kien ezaminat minn Dr. Peter [kunjom mhux car, registrazzjoni 3337] li rrilaxxja certifkat mediku esebit bhala Dok NM2 a fol 148. Dan ic-certifikat, jghid hekk: ' Several traumas. 36 Years old gentleman has been hit by police on the 31 January 2011. There is an Heamatoma 2 x 3 cm in the area of the 6th -7th rib in the front axilar line, right side chest – clear, without pathological sounds and …... bilat. X-ray no pneumothorax, no fracture is seen. Dg: Heamatoma Thoralis L sin. Plan: pain killers Paracetamol 1gm 4 times a day'.

22. Ezaminat dan ic-certifkat mal-ilmenti tal-appellant gurnata qabel, igifieri, ugiegh f'ghonqu, fix-xellug ta' sidru u fl-ghaksa fejn, skond hu, Dr. Camilleri infurmah illi l-marki johorgu wara ftit jiem, l-ezami tieghu gurnata wara minn tabib ta' xelta tieghu juri tbengila zghira fuq il-lemin ta' sidru. Issa, meta l-ewwel Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha, kompriz li l-appellant allega illi xejn anqas minn tlett ufficcjali uzaw forza vjolenti fuqu, li ttiehdulu zewg stqarrijiet meta kien taht qed jitrieghed minhabba l-htiega tieghu ghall-Valium minkejja li ttiehed ghall-kura u dan kollu seta kien konstatat mit-tabib li ezaminah, l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi illi kien sehh ir-rejat ravvizat fl-artikolu 101(1) tal-Kodici Krimanali;

23. It-tielet aggravju tal-appellant jitratta dwar il-piena nflitta mill-ewwel Qorti liema piena huwa iqis li kienet wahda oneruza hafna tenut kont li sa dakinhar qatt ma kien kiser difrejgh mal-ligi. Dwar dan, tajjeb li *in primis* ikun affermat illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. (vide fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Elenosive Lino

Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015. Issa fil-kaz in dizamina, l-piena inflitta kienet fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dik erogata. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kompriz in-natura serja tal-imputazzjonijiet, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti.

24. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti mis-sentenza appena konfermata u l-konsegwenzi f'kaz illi jkun kkundannat ta' reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien 18-il xahar mil-lum.